# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**TMIEM IL-VISTA KANONKA TA' P. ALFONS CAMILLERI FL-ART IMQADDSA**

Kif konna ħabbarna fil-għadd N.2 ta' dan il-Qari, l-W.R.P. ALFONS CAMILLERI, b-ittri Patenti ta' 20 ta' Jan. 1965, kien ġa' maħtur mir-Rev. mu P. Ġeneral ta' l-Ordni, P. Wistin Sepiniski, Visitatur Ġenerali għal Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

Hu, flimkien mar-Rev. P. Lettur Ivo Tonna, bħala Segretarju, beda' l-Vista Kanonka tiegħu mill-Kummisserij u mill-Kulleġġi Serafiki li l-Kustorja għanda fl-Italja. Fis-6 ta' Marzu, minn hemm ġibed għas-Sirja, Libanu u Eġittu, minn fejn, imbagħad, fil-15 ta' April, għadda għal Ċipru, fil-21 żar id-Djar u l-Knejjes ta' Iżrael, u fit 2 ta' Mejju, daħal fil-Ġordanja, fejn minn Għaman, wara nofs inhar, telaq għal Ġerusalem, fejn fil-Knisja ta' San Salvatur ġie milqugħ solennement, kif irid r-Ritual tal-Ordni, mir-Rev.-mu P. Kustodju, mill-WW.RR.PP. Diskreti u minn ġliba oħra ta' Irhieb ta' San Salvatur u ta' Djar oħra ta' l-inħawi. Hu temm il-Vista Kanonka tiegħu fil-25 ta' Mejju 1965.



*L-Emm. Tiegħu l-Kardinal J. Antonietti, Prefett tas-S. Kongregazzjoni tar-Reliġjużi fid-divan tal-Kustodja, f'Ġerusalem, bejn ir-Rev.mu Patri Kustodju ta' l-Art Imqaddsa u l-W.R.P. Alfons Camilleri, Viżitatur Ġenerali.*

Biex jaqdi dan ix-xogħol, P. Alfons kellu jħabbel ħafna moħħu u jħeddel ukoll ġismu. Biex ma jitqarraqx fuq il-qagħda tal-Kustodja, kellu jistħarreġ lil kważi 500 Missjunarju, li hu ltaqa' magħhom fiż-

żjarat tiegħu lit-78 Santwarju, b'5 minnhom Bażiliki; lil 65 Knisja u 45 Kappella, b'40 minnhom Parroċċi; lid-9 Kulleġġi, 25 Skola, l-istudju Biblika tal-Flaġellazzjoni, u liż-Żewġ Ċentri fil-Kajr, wieħed ta' l-Istudji Orientali u l-ieħor taċ-Ċinematografu, imbagħad Orfanatrofji, Djar tas-Saħħa għat-tfal foqra, Djar għax-xjuħ, Spiżeriji, Djar tas-Snajja, Case-Novi, fejn jilqgħu l-pellegrini, u ħafna ħidmiet oħra, soċjali u karitattivi, immexxijin kollha mill-500 Missjunarju fl-Art Imqaddsa.

Il-W.R.P. Alfons, b'sabar, b'għerf u b'għaqal, temm b'ġieħ din il-biċċa xogħol iebsa u, wara r-relazzjoni tal-Viżta tiegħu li bagħat Ruma, kellu l-faraġ li fit-2 ta' Ġunju seta' jħabbar il-ħatra tas-sitt WW. RR. PP. Diskreti ġodda li, flimkien mal-W.R.P. Prokuratur Ġenerali, mal-Vigarju Kustodjali u mar-Rev.mu P. Kustodju, għandhom imexxu l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa għas-sitt snin li ġejjin.

Il-W.R.P. Alfons, għalhekk, ħaqqu kull tifħir, għal ġieħ għoli li għamel għalih in-nifsu, għall-Provinċja tagħna u wkoll għall-Ordni tiegħu.

### IL-KULLEĠĠ SERAFKU INTERNAZZJONALI ĠDID TAT-TERRA SANTA

Fl-4 tax-xahar ta' Novembru tas-sena li għaddiet ġie mbierek u miftuħ b'festa kbira l-Kulleġġ Serafiku ġdid Internazzjonali, li t-Terra Santa bniet ftit il-barra minn Ruma. Dan it-tberik sar mill-Eminenza Tiegħu Reverendissma l-Kardinal AMLETO ĠWANNI CICOGNANI, li hu s-Segretarju ta' l-Istat tal-Qdusija Tiegħu l-Papa.

Ħadu sehem għal din il-festa r-Rev.mu P. Ġeneral il-ġdid, mal-W.R.P. Prokuratur Ġenerali u d-Definitorju Ġenerali ta' l-Ordni mar-Rev.mu P. Lino V. Cappiello, Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, ħafna Kummissarji, Provinċjali, Patrijiet minn kull naħa ta' Ruma u mistednin oħra ta' kull qagħda reliġjuża u soċjali.

L-għan ewlieni ta' dan il-ġdid Kulleġġ Serafiku Internazzjonali hu li jiġu mħarrġin fil-għerf, fit-tieba u fil-ħidma dawk il-ġuvintur, li juru li għandhom Vokazzjoni Missjunarja, l-iżjed għall-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa. Hu mibni ftit il-barra minn Ruma, fuq tumbata, b'medda ta' 65,000 metru kwadrat, li hi fil-"Borgata Casalotti" mat-triq "Via di Boccea". Hu tassew Kulleġġ mibni kif jixirqilu ż-żmienijiet: erba' pjani, bi kmamar u swali mrewħin u mdawlin li jistgħu jilqgħu 180 student; awla manja, biblioteka, infermerija, Kappella pubblika, b' "arja kondizzjonata" u b'dak kollu li jitlob il-ġejjieni. Taqsim ieħor ukoll għandu għall-Amministrazzjoni, għall-Professuri u għalliema, u għas-Sorijiet eċċ. J'Alla l-Mulej jibgħad dejjem iżjed vokazzjonijiet ġodda għall-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa.

### L-EX REĠINA TA' L-ITALJA ŻAWWARA FL-ART IMQADDSA

Fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju tas-sena l-oħra, l-Altezza Reali Tagħha l-ex Reġina ta' l-Italja, Marija Josè ta' Savoia, żaret l-Art Imqaddsa u, fost kollox, għal ħabta ta' nofs inhar tas-26 ta' Ġunju, 1965, riedet tagħmel ukoll żjara ta' qima lir-Rev.mu P. Kustodju ta' l-Imkejjen Imqaddsa, il-P. Lino Cappiello. Hi, msieħba ma' Dama tal-Qorti u mill-Maġġurdomu tagħha, ġiet milqugħa fis-Salun tal-Casa Nova. Tkellmet

bi ħlewwa għal qisu xi nofs siegħa mar-Rev.mu. P. Kustodju u ma' Rħieb oħra fuq ħafna problemi tal-ħajja nisranija u l-iżjed fuq dawk ta' l-Art Imqaddsa.

Fl-Aħħar, ir-Rev.mu P. Kustodju offra lill-ex Reġina, s-Salib tad-Deheb taż-Żawwara fit-Terra Santa, kwadru sabieħ tal-madreperla bit-Twelid ta' Kristu u Kuruna wkoll tal-madreperla. Wara, mbagħad, li niżżlet isimha fir-Reġistru tal-Casa Nova, ħaduha żżur dik il-kamra li kien għammar fiha żewġha fl-1928, il-Prinċep allura werriet, Umbertu ta' Savoia. Din iż-żjara tal-ex Reġina ta' l-Italja kienet tassew żjara li ħalliet faraġ f'kulħadd.

### TLIET SAĊERDOTI NOVELLI F'KONĊELEBRAZZJONI WAĦDA

It-tliet Franġiskani Saċerdoti Novelli, li f'Settembru li għadda ħadu s-Saċerdozju minn idejn il-Beatitudni Tiegħu, l-Patrijarka ta' Ġerusalem, Mons. Gori, O.F.M., bi ħsieb tassew sabieħ, iltaqgħu flimkien fil-Kulleġġ Serafiku Internazzjonali, f'Ruma, u qaddsu f'Konċelebrazzjoni waħda b'faraġ kbir ta' dawk il-postulanti l-oħra, li darba kienu jgħixu magħhom. Dawn is-Saċerdoti Novelli huma: P. Gulju La Vecchia, P. Ġużepp Naxxaro, u P. Ġużepp Commonara. Bħala seħibhom, ordna magħhom ukoll il-P. Dwardu Tamer, iżda dan kien mar f'pajjiżu, u għalhekk, ma setax jikkonċelebra magħhom.

### GĦAXART-IJIEM TA' RTIR GĦALL-AJKIJIET KOLLETTURI TA' L-ART IMQADDSA

Huma ħmistax Ajkijiet Franġiskani tal-Kummisserija tat-Terra Santa ta' Napli (Italja) li, mimlijin bl-imħabba lejn l-Art ta' Ġesù, jgħaddu, tista' tgħid, is-sena kollha jiġbru għajnuniet għall-Kustodja tal-Qabar ta' Kristu. Dawn, f'din is-sena, msieħbin mal-P. Kummissarju u mal-Viċi-Kummissarju tagħhom, inġabru jgħaddu għaxart ijiem ta' irtir fil-Kulleġġ Serafiku Internazzjonali l-ġdid ta' Via Boccea, f'Ruma, fejn il-predikatur W.R.P. Alfonsu Calabrese, O.F.M., saħħarhom bil-kelma għarfa u ħelwa tiegħu u, kif stqarrew x'uħud minnhom, hekk ħadu dawl u ntlew bl-imħabba, li huma mħejjin mhux biss jaħdmu bil-qalb kollha għall-Art ta' Ġesù, imma wkoll, jekk jinħtieġ jagħtu wkoll demmhom. J'Alla Ġesù jżommhom fil-vokazzjoni tagħhom.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MALTA

BIRKIRKARA: Anna Market. Karmenu u Mikiel Market. Maria, Dolor, Ġużè, Ġerarde Agius. Mikiel u Pawlina Fenech. Manwel, Antonja u Ġużeppi Refalo. Ġovanni, Ġużeppi u Ġużeppa Pace. Spiru u Ġużeppi Attard. Speranza, Wiġi, Elena u Jones Agius. Toninu, Marie, Ġovanni Nena Sammut. Maria u Ġużi Parnis. Toninu Catarin, Maria Agnese Debono. Manwel Cardona. Filippu Spiteri u Karmela Spiteri. Toninu Cutajar. Karmela Sammut. Lukarda Bonello. Kelina

Toninu, Teresa, Salvu Camilleri. Karmenu u Karmena Camilleri. Filippu, Karmena Sammut, u Salvu Falzon. Franġiska u Kostantinu Micallef. Manwel Mallia. Familja Zarb. Mejtin Familja Spiteri. Mejtin Familja Camilleri. Mejtin ta' Marija Vella. Ġużeppi u Kelina Aquilina. Ġużeppi u Marija Aquilina. Wenzu Bianco. Karmenu u Marija, Ġużeppi u Vittorja Camilleri. Henri, Rożarja, Karmenu u Ġuża Camenzuli. Tonina, Benedettu Debono. Karmenu, Ġovanna, Kostantinu, Ġużeppi Filippu Muscat. Ġużeppi u Teresa Bonavia. Karmena Mallia. Censu Abdilla. Marija, Ġużeppi, Censu Borg. Marija u Ġużeppi Spiteri. Ġużeppi u Theodora Agius. Familja Spiteri. Familja Caruana. Familja Camilleri. Kostantinu, Sunta Sant. Evelina u Ġorġ Bonnici. Edgard Padovani.

HAMRUN: Karmena u Felic Xuereb. Karmenu, Edwin, Rożina, Ġerardu Spaniol. Mary, Gejtu Falzon Pawlu Grezja u Dolor Magro. Franġisku, Marija u Salvu Borg. Gużi Cassar. Toni Galea. Wenzu u Toni Cauchi. Carmen Cassar. Elisabetta, Toni u Marija Galea. Dolor, Wistin u Karmenu Ellul.

QORMI: Toni, Roża, Liberata u Ġużeppi Farrugia. Lukarda Farrugia Mananni Zahra. Ġovanna Zahra. Ġorġ u Rożarja Sultana. Karmenu u Rożarja Debono. Ġerardu Scicluna. Marija Farrugia. Rożina u Ġużeppi Gatt. Ġovanni u Karmena Calleja. Ġovanni Zammit. Dolor Calleja. Salvu u Catarina Formosa. Karmenu Mikiel u Anġla Saliba.

SAFI: Manwel u Orsola Monreal.

BIRZEBBUGIA: Manwel, Salvu, Karmenu, Pawla, Charlie, Ġużi u Wiġi Grixti. Kelinu Fenech. Ġużi u Teresa Tonna. Dante Grech. Toni Borg. Govanni, Salvu Borg. Toni Aquilina. Liberata, Marija u Franġisku Borg. Salvu u Teresa Portelli. Anna u Toni Farrugia.

QORMI (San Bastjan): Lonzu, Karmenu, Marija u Salvina Muscat. Elena Faenza. Ġorġ u Relena Briffa. Franġiska u Ġorġ Ellul. Luqa u Marija Borg. Manwel Cuschieri. Mananni Cardone. Consolata Formosa. Karmena Pace. Rosarja u Saver Spiteri. Ġovanna Portelli. Toni, Elena u Ġużeppi Camilleri. Karmenu Schembri. Rosaria u Ġużeppi Grech. Toni, Karmena, Franġisku, Karlu, Marija, Benedettu Tonna. Mananni u Assunta Cuschieri. Karmena Borġ.

MELLIEHA: Ġovanna Muscat. Marija u Mikiel Gauci. Ġużeppi Ġanna u Andrea Debono.

SEGLEA: Marija Assunta Borg. Ġużeppi, Bennard u Ġovanni Cassar. Mikiel, Karmena Mallia. Fredu u Karmena Mahony. Toni Borg. Karmena Camilleri. Karmenu Cachia u Toni Cachia. Ġakbu, Marija u Karmena Sciberras. Toni u Marija Degiorgio Pawla, Pawlu, Benedettu, Marija Azzopardi. Maddalena Mifsud.

MOSTA: Tonina, Anġlu, Marija, Ġuża, Karmenu u Censu Frendo. Mikiel, Ġilardu, Manwel, Vitor, Rita u Karmena Frendo.

GUDJA: Grazzja Xuereb.

TARXIEN: Ġużeppi Peplow.

QRENDI: Marija, Grezja, Ġanni, Wenzu Briffa. Mikiel Magro. Marija, Ġużeppi u Marija Pace.

CHIRCOP: Karmenu, Anġla Attard. Augusto De Pasquale.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*